# L-istatwa ta' San Ġużepp

***tikteb Mathea Vassallo***





Din is-sena se nikteb dwar l-istatwa devota ta' San Ġużepp li għandna meqjuma fil-knisja tagħna u li proprju din is-sena tagħlaq mitt sena fostna. Qabel xejn ma nistax nikteb dan l-artiklu mingħajr ma nsemmi r-rabta ta' San Ġużepp mar-raħal ta' Għajnsielem. Hawn ta' min isemmi l-Istitut li jġib l-isem ta' dan l-istess qaddis li wieħed isib fi triq l-Imġarr; li qabel kien iservi bħala dar għall-orfni subien. Kien fi ħdan dan l-istitut li twieldet is-soċjeta' maħbuba tagħna u li anke saħansitra wirtet l-istess isem tiegħu: L-Għaqda Mużikali San Ġużepp. San Ġużepp huwa wkoll marbut ma' raħalna għaliex huwa l-għarus tal-verġni mbierka ta' Loretu li hija l-padruna tar-raħal għażiż tagħna.

Għalkemm għadda sew iż-żmien jien se nerġa' niftaħ id-djarju tal-paroċċa tagħna u għalkemm il-paġni saru musfara biż-żmien, nixtieq nerġa' nagħti l-ħajja għal ftit minuti ta' kif inġabet fostna l-istatwa devota tal-qaddis Ġużeppi:

Fis-sena 1909(seklu 20) inħatar kappillan ġdid f' Għajnsielem Dun Franġisk Mizzi mill-Għarb u li qabel kien iservi ta' viċi parrokku fir-raħal ta' Kerċem. Dan l-imsemmi kappillan ħa l-pussess tiegħu fil-5 ta'Settembru 1909 ġimgħa qabel il-festa titulari ta' Għajnsielem (li dak iż-żmien kienet ssir tard f'Settembru).

Kien saċerdot eżemplari, jaf iwassal il-kelma t'Alla u kien iħoss fih il-ħeġġa li jġib lir-raħal ta' Għajnsielem u l-poplu tiegħu 'l quddiem kemm materjalment kif ukoll spiritwalment. Il-kappillan Mizzi mill-ewwel medd għonqu għax-xogħol u għamel ħafna opri sbieħ li għadhom iżejnu l-paroċċa sal-ġurnata tal-lum. Fl-ewwel sena tiegħu bħala kappillan, Mizzi ordna statwa ta' San Ġużepp għand id-ditta Galard ta' Marsilja. Din l-istatwa sabiħa kienet qamet Lm 24. L-istatwa waslet Malta fid-29 ta' Diċembru, 1910 mal-vapur Franċiż "Chartage". Ta' min jgħid li meta nġiebet l-istatwa fuq dan il-vapur kienet qamet grigalata qawwija. Imbagħad l-istatwa ta' San Ġużepp waslet Għawdex fit-3 ta' Jannar 1911 fuq id-dgħajsa tal-Latini tal-patrun Toni Scicluna imlaqqam 'tad-Dirdir' u dritt wara ġiet imqiegħda fid-dar tal-Kappillan Mizzi, fejn fit-18 tal-istess xahar, wara nofs inhar, niżel l-Isqof ta' Għawdex, Mons Giov. M. Camilleri, biex iberikha.

Il-benefatturi prinċipali ta' din l-istatwa kienu: il-Kappillan Mizzi nnifsu u Dun Ġużepp Galea li offrew Lm 3 kull wieħed; Dun Ġużepp Azzopardi, Dun Ġużepp Xuereb, Toni Abela, l-aħwa Marija u Anġela Zerafa, Anġlu Grima, l-aħwa Roża u Loreto Xuereb, Loreto Rapa, Paolo Ciantar, Antonio Galea li offrew Lm 1 kull wieħed; Loreto Xuereb, Publiju Xuereb, Roża Buttiġieġ, Piju Xuereb, Carmelo Buttiġieġ, Loreto Buttiġieġ u Loreta Cordina li offrew nofs lira kull wieħed. Il-kumplament tal-ispejjeż offrewhom diversi benefatturi li taw 5sOd u 2s6d kull wieħed.

Il-Ħadd, 19 ta' Frar, 1911, fil-paroċċa kienet qed issir il-Viżta Pastorali. Filgħodu l-istatwa ta' San Ġużepp ġiet meħudha privitament fil-knisja ta' Lourdes minn fejn filgħaxija fl-istess ġurnata kienet trasportata solennament għall-knisja parrokkjali akkumpanjata miIl-Banda La Stella tar-Rabat, Għawdex u bl-isparar tal-murtali. Il-Kan. Lettur Alfons Maria Hili kien għamel id-diskors tal-okkażjoni.

Hemm ta' min jgħid li xi Għajnselmiżi kienu tkellmu mal-Isqof sabiex il-festa ta' San Ġużepp tkun il-festa sekondarja iżda dan il-permess ma ngħatax minħabba l-biża' li Għajnsielem seta' jinfired.

Issa mmur aktar riċenti proprju fl-1996, meta fil-każin tal-banda San Ġużepp kienet saret laqgħa ġenerali. Xi bandisti kienu ssuġġerew li l-banda San Ġużepp ta' Għajnsielem għandha tagħmel purċissjoni bl-istatwa ta' San Ġużepp. F'din l-istess sena (1996) fit-tieni Hadd ta' Mejju kienet saret quddiesa bil-priedka f'ġieħ dan il-qaddis u fiha ħadet sehem l-orkestra li hi ffurmata anke minn xi bandisti tar-raħal taħt it-tmexxija ta' Mro Frankie Debono u wara ħarġet il-purċissjoni bl-istatwa ta' San Ġużepp bis-sehem tal-banda ta' Għajnsielem. Il-Purċissjoni għadha ssir sal-ġurnata tal-lum f'kull tieni Ħadd ta' Mejju. F'ġieħ il-qaddis San Ġużepp, Is-surmast Joseph Nazzarenu Sammut li dam għaxar snin surmast direttur ta' Għajnsielem ikkompona Innu Reliġjuż bl-isem 'San Ġużepp' fuq versi ta' Rev. George Mercieca. Dan l-innu jindaqq kull sena fil-purċissjoni ta' San Ġużepp.

*Jien minn qalbi nixtieq nawgura lill-morda, anzjani u lill-Għajnselmiżi kollha l-festa t-tajba ad unur il-Madonna ta' Loretu.*



**Referenzi:**

*Mons. Ġużeppi Zerafa - "Ġrajjiet Għajnsielem"*